# Xbihat ta' Santa Katarina f'Ħaż-Żabbar

## Il-Kult lejn Santa Katarina

Skont tradizzjoni antika fil-Knisja, Santa Katarina sofriet il-martirju fil-bidu tas-seklu 4 fil-persekuzzjoni tal-Imperatur Messenzju. Kienet it-tifla tal-Gvernatur ta' Lixandra li kkonvertiet għal ħajja Nisranija u ddedikat ħajjitha għall-istudju tant li fil-proċess tal-akkużi li ġabu kontriha rnexxielha tikkonverti lil dawk li ppruvaw ibegħduha mit-tagħlim Nisrani. Nafu li l-kult lejn Santa Katarina beda fuq il-Muntanja Sinaj fis-seklu 8 meta nstabu r-relikwi tagħha. Hawnhekk għadna nsibu Monasteru ddedikat lilha. Il-kult lejn l-Ewropa mexa mal-Kruċjati. F'Malta wkoll insibuh fi żmien bikri. Jidher li daħal wara li spiċċat il-ħakma Għarbija minn Malta u reġa' ġie stabbilit il-kult Nisrani. Żewġ parroċċi, iż-Żejtun u ż-Żurrieq, mit-tnax li kienu diġà mwaqqfa fl-1436 u li jissemmew fir-Rollo tal-Isqof De Mello huma ddedikati lil din il-qaddisa. Barra dan insibu disat iknejjes żgħar id-dedikati lil Santa Katarina, uħud minnhom li għandhom l-għeruq tagħhom fi żmien Medjevali għalkemm matul iż-żmien kienu mibnija mill-ġdid jew modifikati skont il-ħtieġa.

## Il-Parroċċa Medjevali taż-Żejtun

Fiż-żmien Medjevali f'Malta nsibu li kien hawn ħafna rħula żgħar u gruppi ta' djar li fihom kienu jgħammru gruppi ta' nies. L-akbar żewġ abitazzjonijiet kienu l-Imdina u r-Rabat bin-nobbli u s-servi kif ukoll il-Birgu bil-kummerċjanti. Iż-Żejtun li kien ukoll magħruf b'Terræ Sanctæ Catherinæ bħala parroċċa kellu territorju kbir. Kien jiġbor fih lil Ħaż-Żabbar, Ħal-Għaxaq, Marsaxlokk u Wied il-Għajn. Iż-Żejtun innifsu kien magħmul minn għadd ta' rħula żgħar li kienu Bisqallin, Ħal-Bisbut u Ħal-Ġwann. Is-sagramenti għan-nies li kienu jgħixu f'dawn l-inħawi kollha kienu mogħtija mill-Knisja ta' Santa Katarina (magħrufa bħala ta' San Girgor) sakemm fl-1692 inbniet dik tal-lum fuq art mogħtija minn Girgor Bonici.

## Santa Katarina f'Ħaż-Żabbar

Ħaż-Żabbar inqata' mill-Matriċi taż-Żejtun fl-10 ta' Jannar 1616. Dan ma jfissirx li kult li jkun trabba mal-poplu jintesa u ma jibqax jiġi pprattikat iżjed. Hekk ukoll id-devozzjoni lejn Santa Katarina ma mititx mill-ewwel.

Fl-ewwel sena tal-magħmudijiet irreġistrati f'Ħaż-Żabbar meta tgħammdu 20 tarbija nsibu tarbija msemmija Alessandro u oħra msemmija Catharinella. Hekk ukoll meta saret l-ewwel Griżma tal-Isqof fl-1617 hemm 3 xebbiet bl-isem ta' 'Catarina'. Dan jindika li l-isem Catarina jew varjanti tiegħu kienu popolari fl-inħawi. Barra dan, fil-Mużew tas-Santwarju nsibu fost l-eqdem xbihat f'Malta li juru lil Santa Katarina.

## Kwadru titulari mogħti mill-Gran Mastru Verdalle

Lejn l-1585 il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar tkabbret biex tkun tista' sservi aħjar lil pellegrini li jżuruha. Għalhekk kien meħtieġ li jsir titular ġdid. Deskrizzjoni dettaljata ta' dan it-titular insibuha fil-visti



Pastorali tal-Isqof Gargallo li saru lejn il-bidu tas-seklu 17. Huwa jsemmi li dan il-kwadru kien kompost minn xbieha prinċipali li turi l-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha. Fuq rasha kien hemm kuruna miżmuma minn żewġ anġli jittajru li warajhom kien hemm kurċifiss miżmum minn idejn il-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu taħt xbieha ta' ħamiema. Fuq ix-xellug kien hemm San Ġwann il-Battista u l-Gran Mastru Verdalle waqt li fil-lemin tal-kwadru kien hemm Santa Katarina għarkupptejha u San Anard. L-arma tal-Gran Mastru wkoll kienet tinsab fin-naħa t'isfel fil-lemin tal-kwadru. Isfel ukoll kien hemm l-erwieħ tal-purgatorju jinvokaw lil Madonna għal ħelsien. Ix-xbieha tal-Gran Mastru Verdalle u l-arma Araldika tiegħu jindikaw li dan il-kwadru seta' tħallas minnu. Dan il-kwadru seta' sofra

xi ħsarat fl-inkurżjoni Ottomana tal-1614 meta l-qawwiet tagħhom niżlu u ħarbtu n-naħa taż-Żejtun, Wied il-Għajn kif ukoll il-Mellieħa. Xhieda li l-knejjes fl-inħawi kienu sofrew ħsarat hi l-iskrizzjoni li nsibu fit-Tieni Volum tal-Magħmudija fl-Arkivju taż-Żejtun u dik minquxa fil-knisja ta' Santa Katarina ta' San Girgor fl-istess lokal. Biss dan il-kwadru baqa' jintuża sakemm sar minfloku dak ta' Alessio Erardi fl-1715. Il-kwadru l-antik ma jissemmiex iżjed iżda fl-1970 tqabbad il-Pittur Rafel Bonnici Calì li għamel pittura li turi rikostruzzjoni ta' dan il-kwadru bbażata fuq il-visti Pastorali. Il-Kappillan Zarb kien ġie avviċinat minn persuna anonima li qaltlu li kellha x-xbieha ta' wiċċ il-Madonna minn dan il-kwadru mogħti minn Verdalle u ħallietu jieħu ritratt ta' din ix-xbieha. Dan ir-ritratt jinsab esebit fejn ir-replika tal-kwadru fil-Mużew.

## Lampier



Dan il-lampier juri lil Santa Katarina flimkien ma' San Ġużepp, San Pawl u San Pietru. Id-disinn tiegħu juri li jmur lura lejn is-seklu 16. Ix-xbihat li fih huma ta' stil Medjevali neqsin minn dawk id-dettalji li narawh fl-istil Barokk. Fih xogħol kbir fejn jidħol l-immartellar tar-ramm. Dan il-lampier hu wkoll ibbanjat bil-fidda. Xhieda oħra li dan hu lampier antik hi li l-bokka tiegħu hi wiesgħa peress li kienet tintuża bieqja biż-żejt u ftila flok xemgħat.

## L-Affresk tal-Kappella ta' Santa Duminka ta' Rindighi

F'Ħaż-Żabbar insibu kappella ċkejkna ddedikata lil Santa Duminka, martri tal-ewwel sekli minn Kalabrija. Minn fdalijiet arkeoloġiċi nsibu li fl-inħawi seta' kien hemm xi abitazzjoni (irħajjel) li biż-żmien spiċċat. L-oriġini tal-kappella hu dak Medjevali tardiv qrib is-seklu 15. Tmiss ma' din il-kappella madwar is-sena 1600 nbniet kappella oħra ddedikata lil San Andrija Appostlu. Mill-visti Pastorali nafu li fil-bidu tas-seklu 17 din il-kappella kienet tiffunzjona u kellha żewġ bibien li wieħed minnhom kien inbidel f'tieqa. L-Isqof Balaguer Camarasa jagħti deskrizzjoni tat-titular u jgħid li fih kien hemm il-Madonna bil-Bambin, b'Santa Katarina u Santa Duminka fuq kull naħa.

Jgħid ukoll li poġġuta fuq dan it-titular huwa sab pittura tal-Madonna tar-Rużarju ġo daħla (alkova) fejn ukoll kien hemm l-artal. Lejn l-1676 bdew jieħdu ħsieb il-kappella Federiku Pratt u Domenika Grech. F'dan iż-żmien sar tibdil fil-kappella, fejn l-alkova ġiet magħluqa u sar artal ġdid fuq dak qadim u pittura ġdida. Għal snin twal dan l-affresk intesa u baqa' mir-dum bejn il-ġebel. Fit-Tieni Gwerra Dinjija fil-viċinanzi tal-kappella kienu nħażnu numru kbir ta' laned mimlija fjuwil. Dawn intlaqtu waqt bumbarda-ment mill-ajru u kkaġunaw nirien kbar. Bl-istess bombi l-knejjes ta' Santa Duminka u Sant'Andrija għalkemm ma ġewx imġarrfa sofrew ħsarat strut-turali kbar. Iż-żewġ kappelli baqgħu f'dan l-istat sal-1954 meta kien deċiż li ssir ir-rikostruzzjoni tagħhom. Saret xi riċerka fil-visti Pastorali biex ix-xogħol isir tajjeb u beda l-ħatt ta' dawn il-kappelli. Waqt li kien qed jitneħħa l-ġebel mill-alkova, instab l-affresk li kien imsemmi fil-visti Pastorali. Ġie msejjaħ Rafel Bonnici Calì li barra li kien artist kien ukoll impjegat mal-gvern bħala restawratur u ħadem fuq l-affreski tal-Palazz li juru x-xeni tal-Assedju l-Kbir. L-affresk instab li kellu lil Santa Duminka distrutta imma l-Madonna bil-Bambin u Santa Katarina kienu fi stat tajjeb li jista' jkun ikkonservat. Rafel Bonnici Calì ttras-ferixxa dan l-affresk għal fuq il-*hard-board*. Instab li biex jistabbilizza dan l-affresk mal-ħajt kien intuża xagħar taż-żiemel u b'hekk għamel ix-xogħol ta' trasferiment ftit in-qas diffiċli. Bonnici Calì wkoll irtokka fejn kien meħtieġ ix-xbihat li sab, kif ukoll għamel stħajjil tal-parti dis-trutta. Dan l-affresk għandu importanza kbira fl-ikonografija tal-gżejjer Maltin.






Huwa kkalkulat li jmur lura lejn is-sena 1500. Fih insibu l-eqdem xbihat tal-Madonna tal-Grazzja misjuba fl-inħawi flimkien ma' dik ta' Santa Katarina bis-simbolu tal-martirju ħdejha. Din ukoll kienet l-ewwel darba li affresk kien trasferit mill-post oriġinali tiegħu. Rafel Bonnici Calì kien għamel dan ix-xogħol bla ħlas peress li oħtu kienet fieqet minn uġigħ f'ħalqha wara li talbet l-interċessjoni tal-Madonna tal-Grazzja. Illum dan l-affresk jinstab esebit fil-Mużew tas-Santwarju.

**Michael Buhagiar**
buhagiarm@gmail.com
13/04/2016

## Biblijografija

- C.G. Bonavia: The Chapel of St. Dominica at Żabbar, Unique Fresco Restored, The Sunday Times of Malta, 7 July 1955, pġ. 6
- Il-25 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni 1951-1976 Programm ta' Tifkira pġ. 23